# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 22 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 7.
Citazz. Nru. 191/01 JRM

**Margaret ZAMMIT, armla ta' John Zammit**

**vs**

**Joseph PACE**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih l-attrici wara li ppremettiet:

Illi l-awtur tal-attrici zewgha John Zammit, illum mejjet, kien ikkonceda b'titolu ta' lokazzjoni lill-konvenut il-fond kummercjali numru 2 St Anne Square, Sliema bil-kera ta' elf u mitt lira maltin (Lm1100) kull sitt xhur; skrittura tal-lokazzjoni annessa u mmarkata Dok A;

Illi l-attrici, wara t-2 t'Awissu 1990, cioe' wara l-mewt ta' zewgha , kienet tircevi l-kera tal-imsemmi fond kummercjali minghand il-konvenut regolarment u dana sal-iskadenza tat-18 ta' Mejju 1995,

cioe' ghall-perjodu mit-18 ta' Mejju 1995 sas-17 ta' Novembru 1995;

Illi wara dan il-perjodu l-konvenut baqa' moruz fil-hlas tal-kera, ghal zewg skadenzi fil-perjodu ta' hmistax-il gurnata minn meta gie interpellat, l-attrici pprezentat rikors fil-Bord li Jirregola l-Kera (Ref. 118B/96) ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-fond in kwistjoni;

Illi b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil- kawza fl-ismijiet "Margaret Zammit, armla ta' John Zammit vs Joseph Pace", (Rikors Numru 118B/96) fis-17 ta' Novembru 2000 il-konvenut gie definittivament ikkundannat biex jizgombra mill-fond fuq imsemmi – Dok B annessa;

Illi l-konvenut hallas l-ahhar kera sas-17 ta' Novembru 1995, baqa' jokkupa l-istess fond u naqas li jhallas kumpens ghall-okkupazzjoni tal-istess fond ghall-perjodu mit-18 ta' Novembru 1995 sat-18 ta' Jannar 2001;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex, in vista tal-premess:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf, tlett mija u sitta u sittin lira maltin u sitta u sittin centezmu (Lm11366.66,0) bhala kumpens ghall-okkupazzjoni minnu, tal-fond numru 2 St Anne Square, Sliema ghall-perjodu mit-18 ta' Novembru 1995 sat-18 ta' Jannar 2001;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment, bl-imghaxijiet legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-attrici;

Semghet l-Avukat tal-attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tal-attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf, tlett mija u sitta u sittin lira maltin u sitta u sittin centezmu (Lm11366.66,0) bhala kumpens ghall-okkupazzjoni minnu, tal-fond numru 2 St Anne Square, Sliema ghall-perjodu mit-18 ta' Novembru 1995 sat-18 ta' Jannar 2001, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment, bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**22 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu, 2001.**

*22 ta' Marzu, 2001.*